Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Jannar 2023**
**(OR. en)**

**5476/23**

**CDR 12**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/…**

**ta’…**

**li taħtar membru supplenti,**
**propost mir-Repubblika Taljana,**
**fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157[1], li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Federico BORGNA sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Enzo LATTUCA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Presidente della Provincia di Forlì-Cesena e Sindaco di Cesena* (President tal-Provinċja ta' Forlì-Cesena u Sindku ta' Cesena), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

*Artikolu 1*

Is-Sur Enzo LATTUCA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali, *Presidente della Provincia di Forlì-Cesena e Sindaco di Cesena* (President tal-Provinċja ta' Forlì-Cesena u Sindku ta' Cesena), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

_________________________